MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 209/2012

**Michael Attard Limited (C32362)**

**Vs**

**Rosaria Gauci**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta’ tlett elef, seba’ mija sebgha u tletin ewro, hamsin centezmu (€3,737.50) rapprezentanti import ta’ tlettax-il kambjala skaduti.

Bl-imghaxijiet ulterjuri mid-data tal-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru numru 1699/12 u mandat ta’ qbid numru 1698/12MG kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b’hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Artikoli 698 u 702(3) (b) Procedura Civili).

Billi, ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx fit-8 t’Ottubru, 2012 meta gew ppresentati l-Kapitoli u lanqas illum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett elef, seba’ mija sebgha u tletin ewro, hamsin centezmu (€3,737.50) bl-imghax legali mill-20 ta’ Gunju, 2012 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjez kollha nkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 1699/12 u tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju numru 1698/12, msemmijin fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------